# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 15**

**Rikors maħluf numru 308/2019/1 MCH**

**Maria *sive* Marianne Elsdon; u b'dikriet tal-1 ta' Lulju 2019 Christian Elsdon qed jidher bħala mandatarju ta' ommu Maria *sive* Marianne Elsdon skont prokura tas-17 ta' Mejju 2018**

***v.***

**Catherine Saydon, Joan Busuttil, Joseph Saydon u Gerard Saydon**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru 2021 li ċaħdet talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni illi seħħet dekadenza tad-drittijiet tal-konvenuti taħt testment u biex il-konvenuti għalhekk iroddu l-assi tal-wirt u jħallsu d-danni. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-partijiet huma aħwa wlied Carmelo Saydon. Dan fl-aħħar testment tiegħu tal-24 ta' April 2012 wara li ħalla bosta legati, fosthom legat ta' proprjetà immobbli lill-konvenuta Catherine Saydon, ħatar lill-partijiet ħlief lill-konvenuta Catherine Saydon bħala werrieta f'ishma ndaqs. It-testment ikompli hekk:

> »It-tmien artikolu
>
> »It-testatur jiddikjara illi huwa ta lil bintu Catherine Saydon sehemha mill-wirt tat-testatur matul il-ħajja tat-testatur u għalhekk it-testatur irid u jordna illi salv għal-legat imsemmi fit-tieni artikolu ta' dan it-testment Catherine Saydon m'għandu jkollha ebda dritt ulterjuri fuq il-wirt tat-testatur.
>
> »Id-disa' artikoli
>
> »Fl-aħħarnett it-testatur irid u jordna illi, jekk xi ħadd mill-werrieta / legatarji msemmija f'dan f'dan it-testment jipprova b'xi mod u bi kwalunkwe mod jattakka kwalunkwe parti ta' dan it-testment tiegħu, dan / din jiddekdi / tiddekadi mill-benefiċċji kollha … imħollija lilu / lilha f'dan it-testment.«

3. L-attriċi tgħid illi l-konvenuti "Ikoll kisru b'mod dirett u ampju, bl-azzjonijiet diretti tagħhom, dak kif provdut fid-disa' artikolu tal-istess testment tat-testatur Carmelo Saydon u dan bir-riżultanti konsegwenzi li dan il-ksur iġib miegħu". Għalhekk fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi l-konvenuti, bl-azzjonijiet tagħhom, marru kontra x-xewqa speċifika hekk kif stipulata fl-artikolu disgħa tal-aħħar testment tat-testatur Carmelo Saydon;
>
> »2. konsegwentement għall-ewwel talba tiddikjara illi b'riżultat tal-istess ksur ta' din id-dispozizzjoni jidħlu fis-seħħ il-kundizzjonijiet kollha maħsuba fit-testment f'dik l-eventwalità inkluż id-dekadenza mid-drittijiet mirbuħa jew akkwistati u l-benefiċċji kollha lilhom imħollija fit-testment in kwistjoni;
>
> »3. konsegwentement tal-istess dikjarazzjonijiet, tordna li jiġu ritornati l-assi kollha tal-eredità li setgħu l-intimati akkwistaw u fin-nuqqas tillikwida l-ammont li għandu jiġi ritornat sabiex ikun hemm l-integrità patrimonjali tal-eredità;
>
> »4. tordna l-ħlas tas-somma hekk likwidata, okkorrendo bin-nomina ta' perit;
>
> »5. tordna n-nomina ta' nutar pubbliku jekk ikun hemm ħtieġa sabiex jippublika dawk l-atti kollha neċessarji għar-redintegrazzjoni tal-assi;

> »6. tordna l-ħatra ta' kuraturi f'kaz ta' kontumaċja tal-intimati jew min minnhom;
>
> »7. tiddikjara lill-intimati responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi, u tillikwida l-istess, okkorrendo bin-nomina ta' periti, u tordna l-ħlas tal-istess danni hekk likwidati, bl-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv.«

4. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet (li kienu eċċezzjonijiet ulterjuri), fost oħrajn:

> »4. Tant l-eccipjenti ma attakkawx il-wirt li fetħu diversi proċeduri ġudizzjarji … rigward proprjetajiet ġejjin mill-wirt ta' Carmelo Saydon, u liema proċeduri ġudizzjarji saru proprju in ottempranza mal-provvedimenti tat-testment ta' Carmelo Saydon.
>
> »8. Fir-rigward tas-seba' talba tal-attriċi għad-danni, l-attriċi għandha tipprova l-allegati danni, ir-responsabbiltà tal-konvenuti jew min minnhom, u n-ness bejn l-allegati danni u responsabbiltà tal-konvenuti jew min minnhom, liema elementi huma għal kollox kontestati.«

5. L-ewwel qorti laqgħet dawn l-eċċezzjonijiet u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi għal raġunijiet li, safejn relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell, fissrithom hekk:

> »Il-partijiet huma kollha ulied Carmelo Saydon u skont l-aħħar testment tiegħu tal-24 ta' April 2012 il-partijiet kollha ħlief għall-konvenuta Catherine Saydon ġew appuntati bħala eredi universali tiegħu. Min-naħa tagħha, Catherine Saydon hija biss legatarja ta' proprjetà immobbli f'Birkirkara. Fl-istess testment Carmelo Saydon iddikjara illi s-sehem mill-porzjon riservata tal-imsemmija Catherine Saydon kien ġie mogħti lilha waqt ħajtu u għaldaqstant l-uniku benefiċċju derivanti mit-testment imgawdi minn Catherine Saydon huwa l-imsemmi legat. Din il-kawża ġiet istitwita mill-attriċi sabiex tiġi ddikjarata d-dekadenza tal-konvenuti mid-drittijiet u benefiċċji kollha akkwistati mit-testment ta' missierhom Carmelo Saydon, u sabiex jiġi ordnat ir-ritorn ta' kwalunkwe assi provenjenti mill-eredità ta' missierhom illi diġà jinsabu fil-pussess tagħhom jew sabiex issir likwidazzjoni tal-ammont li għandu jiġi ritornat mill-konvenuti sabiex ikun hemm l-integrità patrimonjali tal-eredità … … …
>
> »… … …
>
> »L-attriċi tikkontendi illi l-konvenuti attakkaw id-disposizzjonijiet testamentarji ta' missierhom għaliex riedu illi l-eredità tinqasam b'mod ugwali bejn l-aħwa kollha meta waħda mill-aħwa, il-konvenuta Catherine Saydon, tħalliet barra mill-wirt u hija biss legatarja u mhux eredi universali bħal m'huma l-bqija tal-atturi [*recte*, tal-konvenuti]. L-attriċi tixhed fl-*affidavit* tagħha illi l-konvenuti attakkaw b'mod apert ir-rieda ta' missierhom illi jħalli lil Catherine Saydon barra mill-wirt u insistew illi Catherine Saydon tingħata porzjon ugwali għall-bqija ta' ħutha mill-wirt għaliex ma ridux jaċċettaw id-deċiżjoni ta' missierhom.

Tgħid illi dan tant hu hekk illi sabiex jiġi ffirmat kuntratt finali ta' bejgħ wara konvenju li kien sar ukoll minn missierhom meta kien għadu ħaj, kellha ssir dikjarazzjoni fuq il-kuntratt illi l-bejgħ ma kellux jitqies bħala *atto di erede* min-naħa tal-konvenuti, sabiex jibqa' impreġudikat id-dritt tagħhom li jintavolaw azzjoni appożita biex jattakkaw it-testment. Jirriżulta fil-fatt illi l-konvenut Gerald Saydon kien bagħat *email* lill-attriċi fejn kiteb hekk:

> »"Our Dad made a bad will, which Joan, Joe and myself did not agree to. It is really unfair that he left our sister out, she is still our sister no matter what … All we want to do is go to the testament of mother and father of the year 1999 and right [*sic*] a declaration that we have not agreed to the testament of our late father. We will then give Cathy what is rightfully hers."

»Min-naħa tagħhom il-konvenuti jikkontendu illi huma kienu qed jipproponu illi l-eredità tinqasam ugwalment bejn l-aħwa kollha għaliex oħthom Catherine Saydon kienet qed tgħid illi ser tintavola l-proċeduri ġudizzjarji opportuni biex tieħu l-leġittima spettanti lilha skont il-liġi. Joan Busuttil u Gerald Saydon it-tnejn xehdu illi sabiex jevitaw il-possibilità illi ssir kawża minħabba l-leġittima huma ħassew li kien ikun aħjar li kieku l-eredità ta' missierhom sempliċiment inqasmet ugwalment bejn l-aħwa, u li ma kinitx l-intenzjoni tagħhom li jmorru kontra l-volontà ta' missierhom.

»Dan jinsab korroborat minn *emails* mibgħuta lill-attriċi li gew esebiti fil-mori tal-kawża mill-attriċi stess. Fid-29 ta' April 2014 il-konvenuta Joan Busuttil kitbet lill-attriċi u għarrfitha illi oħthom Catherine kienet "*determined to take legal action … if she takes that path rest assured that it will take us quite some time battling each other with all monies going in legal fees. I hope it won't end this way. It will spell trouble for our children and bad blood among us. Nothing can move ahead and everything will be stagnated if we do not find an amicable solution to all this. Joe, Jerry and myself agreed that we will revert back to the 1999 will, which was both our parents' will. In my opinion it is still a fair deal for all of us; in my opinion, I'd rather settle things out of court than lingering for years (It will be dad's history repeating itself)*". Fl-*email* mibgħut minn Gerald Saydon, imsemmi aktar 'il fuq, ukoll jissemma illi "*The thing that I would like to inform you about the will, is that dad made a very big mistake about Cathy as he did not leave her the 10% of her inheritance and Cathy is allowed to take this to court. The procedure can take around 20 years and once she has taken her 10% of everything that is in the will (which is the law) we would still have to pay lawyers, architects, solicitors and all remaining bills*".

»Fil-fehma ta' din il-qorti, l-intenzjoni tal-konvenuta Catherine Saydon li tistitwixxi proċeduri ġudizzjarji sabiex titlob il-leġittima spettanti lilha skont il-liġi, li hija tikkontendi li ma ħaditx, ma tistax tirriżulta f'telf tal-benefiċċji u drittijiet akkwistati mit-testment ta' missier il-partijiet. Huwa minnu illi t-testatur huwa liberu li jiddisponi minn ġidu kif irid fit-testment tiegħu. Però din il-libertà m'hijiex waħda totali jew illimitata. Fil-fatt il-leġislatur illimita din il-libertà tat-testatur billi rriserva porzjon mill-ġid tat-testatur għad-dixxedenti u l-konjuġi, b'mod illi ħadd minn dawn il-persuni ma jista' jiġi mċaħħad mill-porzjon riservata spettanti lilu skont il-liġi sakemm mhux għar-raġunijiet stabbiliti fil-liġi stess u bil-manjera li trid il-liġi. Għalhekk, l-artikolu 9 tal-aħħar testment ta' Carmelo Saydon ma jistax jitqies illi jisvesti lil xi ħadd minn uliedu mid-

dritt illi jikkontesta t-testment jekk ikun il-każ illi t-testatur ma ħalliex lil dak il-wild il-porzjon riservata spettanti lilu skont il-liġi. Kieku dan kien il-każ ikun ifisser illi t-testatur ikun qiegħed jitħalla jmur kontra disposizzjoni espressa tal-liġi, ħaġa li m'hijiex permessa skont l-artikolu 683 tal-Kodiċi Civili. Din il-linja ta' ħsieb tinsab konfermata fil-fatt fl-insenjament ta' Pacifici Mazzoni ċitat mill-attriċi stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha skont liema:

> »"Il divieto posto dal testatore di non insorgere contro le sue disposizioni testamentarie a pena di decadenza dalla disponibile o dai legati, non deve essere inteso in un senso assoluto e rigoroso, ma in un senso relativo; ossia di non insorgere se le disposizioni testamentarie fossero giuste e legali; perché se ingiuste, erronee, illegali, l'insorgimento contro le disposizioni testamentarie sarebbe l'eco della legge e non opposizione alla volontà paterna."

»Fil-fehma ta' din il-qorti lanqas ma jista' jitqies illi t-tentativ min-naħa tal-bqija tal-konvenuti illi jilħqu ftehim bonarju ma' oħthom sabiex jevitaw proċeduri ġudizzjarji jirrappreżenta attakk kontra xi parti mit-testment in kwistjoni *ai termini* tal-artikolu 9 tal-istess testment. Huwa ċar illi l-intenzjoni tal-bqija tal-konvenuti ma kinitx illi jmorru kontra r-rieda ta' missierhom iżda biss illi jevitaw li jinvolvu ruħhom fi proċeduri litiġjużi li jdumu għaddejjin snin sħaħ, b'mod illi ma jkunux jistgħu jgawdu l-eredità ta' missierhom, u sabiex jevitaw l-ispejjeż sostanzjali involuti ma' tali proċeduri. Wara kollox, id-disa' artikolu tat-testment ta' Carmelo Saydon ma jistax jiġi raġonevolment interpretat bħala kapaċi li jiżvesti lill-eredi mid-dritt illi jilħqu ftehim bonarju jew jittransiġu proċeduri pendenti dwar l-istess testment, partikolarment meta l-ispejjeż tal-istess proċeduri jitħallsu bi flus proprjetà tal-istess eredi li huma liberi li jużaw jew ma jużawx flushom kif jixtiequ huma.

»Fi kwalunkwe każ, il-qorti tosserva illi meta rrizulta ċar li l-attriċi qatt ma kienet ser taqbel li jsir hekk, il-konvenuti kollha akkwijexxew għat-testment ta' missierhom, inkluż Catherine Saydon. Jirriżulta illi fil-fatt il-konvenuti bdew proċeduri ġudizzjarji kontra l-attriċi *ai termini* tal-artikolu 495A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta [*recte*, tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16] sabiex tinbigħ proprjetà derivanti mill-wirt ta' missier u qraba oħra tal-partijiet. Fil-kawża fl-ismijiet Joseph <u>Saydon *et v.* L-Avukat Dr Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi *noe*</u> (rik. ġur. nru 272/2018 AF) l-atturi (li ħlief għal persuna waħda huma l-konvenuti f'din il-kawża) talbu illi jinbigħ fond fi Triq Santu Rokku, Birkirkara, provenjenti mill-eredità ta' Carmel Saydon, Paul Saydon u Ċensina Borg *née* Saydon. F'din il-kawza ġie dikjarat ċar u tond illi sehem Catherine Saydon kien derivanti mill-wirt ta' Paul Saydon u Censina Borg biss, filwaqt illi fir-rigward tal-bqija ta' ħutha sehemhom kien derivanti wkoll mill-wirt ta' missierhom. Apparti l-kawża appena msemmija, il-konvenuti wkoll preżentaw kawża oħra (rik. ġur. nru 31/2018 TA) għal bejgħ ta' feles art gewwa l-Ibraġ a bażi tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Civili u kawża oħra a bażi tal-istess artikolu għal bejgħ ta' fond u art ġewwa Birkirkara (rik. ġur. nru 213/2019 RGM). F'dan ir-rigward il-qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Giuseppa Scicluna *v.* Carmela Vella</u> (PA 14/05/1957) fejn ġie spjegat illi:

> »"Tirrkorri l-aċċettazzjoni taċita ta' eredità meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd li jagħmel dak l-att jekk mhux bħala werriet; jigifieri illi l-att

> irid ikun tali li jimplika b'mod neċessarju u inekwivokabbli f'min jagħmlu l-volontà li jaċċetta l-eredità."

> »Fil-fehma ta' din il-qorti, l-intavolar ta' dawn il-kawżi mill-konvenuti eredi ta' Carmelo Saydon, u *cioè* Joan Busuttil, Joseph Saydon u Gerard Saydon, tammonta għall-aċċettazzjoni inekwivoka tal-aħħar testment ta' missier il-partijiet. L-intavolar ta' kawżi *ai termini* tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Civili jista' jsir biss mis-sidien tal-proprjetà li tagħha jkun qiegħed jintalab il-bejgħ. Il-konvenuti setgħu biss ikunu sidien tal-proprjetà derivanti mill-eredità ta' missierhom biss bl-aċċett-azzjoni tal-aħħar testment tiegħu. Għaldaqstant huwa ċar illi, fid-data meta ġiet intavolata din il-kawża, il-konvenuti eredi ta' Carmelo Saydon kienu diġà aċċettaw b'mod inekwivoku l-aħħar testment ta' missierhom, ikkonsidrat illi l-kawżi *ai termini* tal-artikolu 495A ġew intavolati fl-2018 filwaqt illi din il-kawża giet intavolata fl-2019.

> »Għaldaqstant il-qorti tqis illi l-pretensjonijiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk qed jigu miċħuda, filwaqt illi qed jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet numru 4 u 8 tal-konvenuti.«

6. L-attriċi appellat b'rikors tal-5 ta' Novembru 2021 li għalih il-konvenuti wieġbu fid-19 ta' Novembru 2021.

7. L-aggravji tal-appell huma tlieta:

> »illi l-qorti tal-prim'istanza waslet għal konklużjoni żbaljata meta ddikjarat li l-appellati ma attakkawx id-disposizzjonijiet testamentarji tal-aħħar testment ta' missierhom Carmelo Saydon;

> »illi l-qorti tal-prim'istanza waslet għal konklużjoni żbaljata meta ddikjarat li l-aġir tal-appellati kien biss sforz sabiex jintlaħaq ftehim amikevoli bejn l-aħwa;

> »illi l-qorti tal-prim'istanza waslet għal konklużjoni żbaljata meta ddikjarat li artikolu disgħa (9) fi ħdan l-aħħar testment ta' Carmelo Saydon ma japplikax għall-aġir tal-appellati.«

8. L-attriċi kompliet fissret l-ewwel aggravju hekk:

> »Dwar l-ewwel aggravju, il-qorti tal-prim'istanza b'kull rispett ma kinitx korretta meta ddeċidiet li l-aġir tal-appellati ma kienx jikkonsisti f'attakk kontra t-testment ta' missierhom.

> »Fl-ewwel lok, huwa ampjament evidenti li l-appellati ħadu vantaġġ mill-fatt li l-appellanti tgħix fir-Renju Unit u ttentaw li jaħbu l-fatt li missierhom kien għamel testment fl-2012. Li kieku missier il-partijiet ma kienx informa lill-appellanti meta kien għadu haj li huwa kien għamel testment ġdid, l-appellanti ma kinitx tkun taf issaqsi fuqu. Infatti, tant l-appellati mill-ewwel iddeċidew jinjoraw dan it-testment li l-appellanti kellha tikkomunika ma' żewġ nutara sabiex fl-aħħar imexxielha tirċievi kopja, kif stqarret hija stess fl-*affidavit* tagħha.

»Fl-*affidavit* tagħha ġew annessi wkoll numru ta' korrispondenza skambjata bejn il-kontraenti [*recte*, kontendenti] fejn l-appellati lkoll jiddikjaraw li ma jaqblux mat-testment ta' missierhom.

»L-appellat Gerard Saydon fil-korrispondenza tiegħu tat-28 ta' April 2014 jgħid b'mod espress u mingħajr tlaqliq: "*All we want to do is go to the testament of mother and father of the year 1999 and right (sic) a declaration that we have not agreed to the testament of our late father*". Jiġifieri l-appellat kien diġà deċiż li ma riedx jonora r-rieda ta' missieru u kien saħansitra lest li dan jiddikjarah bil-miktub. Kien għal-hekk ġà b'dan il-mod qiegħed jattakka t-testment, aġir mhux biss li mar kontra l-volontà ta' missieru, iżda aġir speċifikament ipprojbit fit-testment, u aġir li għandu jġib fuqu l-konsegwenzi maħsuba fl-istess testment.

»Li kieku l-appellanti ma oġġezzjonatx bil-qawwi għal dan, ir-rieda ta' missierha kienet tiġi kompletament injorata.

»*Oltre* dan, fl-*affidavit* tagħha l-appellanti tispjega kif l-appellati oġġ-ezzjonaw li jidhru fuq kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà bħala l-eredi ta' missierhom akkont il-fatt li ma kinux aċċettaw id-disposizzjonijiet tat-testment imsemmi.

»In-Nutar Rosalyn Aquilina, li kellha tippubblika l-kuntratt u li xehdet fl-4 ta' Marzu 2021, ikkonfermat fix-xiehda tagħha *viva voce* li l-appellati saħansitra kienu talbu (tant riedu jbiddlu dak li ddispona missierhom id-*de cujus*) li dak rikavat jinqasam bejn il-ħames aħwa, u mhux bejn l-erba' eredi. Naturalment fuq dan ma kienx hemm qbil, u għalhekk in-nutar ipproponiet li tiġi inserita klawżola li l-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ ma kellux jiġi kkunsidrat bħala *atto di erede* da parti tal-appellati, inkluż Catherine minkejja li mhijiex eredi, u li l-qligħ rikavat jinżamm għand in-nutar sakemm tiġi mogħtija direzzjoni dwar kif ser jipproċedu. Kienu qegħdin jalludu għal mod wieħed biss kif jipproċedu, li jaqsmu r-rikavat b'mod differenti minn kif iddispona missierhom. Dan l-abbozz fil-fatt ġie miktub u esebit in atti u ma jistax ikun hemm prova aktar ċara tal-attakk fuq il-volontà tad-*de cujus*. Għalhekk, 'il fuq minn sena wara li ġie nieqes missierhom, l-appellati kienu għadhom qegħdin iżommu ferm fir-risoluzzjoni tagħhom li ma jaċċettawx l-aħħar testment tiegħu. Tant hu minnu dan, li l-aġir tagħhom żamm il-wirt milli jiddivolvi.

»Lil hinn minn hekk, l-appellata Catherine Saydon għadha sal-lum il-ġurnata tirrisjedi fil-proprjetà sitwata tlieta (3), Saint Mary's Street, Birkirkara, kif iddikjarat riċentement f'kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà formanti parti mill-wirt in kwistjoni. Din il-proprjetà li fiha qiegħda tirrisjedi għandha sehem minnha l-appellanti u naturalment Catherine Saydon qiegħda tirrisjedi fiha mingħajr il-kunsens tal-appellanti. Dan *nonostante* l-fatt li l-appellata Catherine Saydon ġiet mogħtija legat ta' proprjetà oħra minn missierha. Dan ukoll juri li l-volontà tat-testatur mhux qiegħda tiġi attwata.

»B'mod simili, l-appellati ilhom ilkoll, inkluż u speċjalment Catherine Saydon, igawdu l-mobbli u immobbli naxxenti mill-wirt ta' missierhom ad esklużjoni tal-appellanti. Dan qegħdin jagħmluh faċilment għaliex *stante* li l-appellanti ma tirrisjedix Malta ma għandha l-ebda mezz sabiex twaqqafhom. Għalhekk, irrelevanti l-fatt li l-appellati llum jinsistu li aċċettaw l-aħħar testement ta' missierhom; bl-azzjonijiet tagħhom xorta waħda qegħdin jimminaw ir-rieda tal-istess.«

9. Tassew illi li jfittex li jimpunja testment b'mezzi ġudizzjarji ma huwiex l-uniku mod kif werriet jista' jattakka testment għax jista' bla ma jimpunja t-testment ġudizzjarjament ifittex li *de facto* jġib fix-xejn ir-rieda tat-testatur. Madankollu, li werriet igħid li ma jogħġbux testment li għamel missieru u li jixtieq li l-wirt jinqasam mod ieħor mingħajr iżda ma jagħmel xejn materali li jwaqqa' r-rieda tat-testatur ma huwiex ekwivalenti għal "attakk" kontra t-testment. Biex nieħdu analoġija mid-dritt penali, dikjarazzjonijiet bħal dawk jistgħu juru *mens rea* iżda ma jagħmlux *actus reus*.

10. Lanqas il-fatt li werriet maħtur ma jaċċettax minnufih il-wirt ma jfisser li qiegħed jattakka t-testment, aktar u aktar jekk, wara, jagħmel atti ta' werriet li bihom impliċitament jew espressament jaċċetta l-wirt. Jista' jkun xiehda ta' intenzjoni iżda mhux tat-twettiq tal-intenzjoni. Jekk fl-aħħar mill-aħħar il-werriet aċċetta l-wirt u, għalkemm kontra qalbu, qagħad għal dak li ried it-testatur ma jistax jingħad li ffrustra r-rieda tat-testatur tant li tistħoqqlu d-dekadenza.

11. L-attriċi appellanti iżda tgħid illi, għall-inqas fil-każ tal-konvenuta Catherine Saydon, din qiegħda ċertament tiffrustra r-rieda tat-testatur kif imfissra fit-testment għax qiegħda, mingħajr il-kunsens tal-werrieta kollha, toqgħod fil-fond numru 3, Triq Santa Marija, Birkirkara, li l-attriċi għandha sehem minnu. Bla ma nidħlu fil-kwistjoni jekk, kif igħidu l-konvenuti, dan huwiex argument li ma tressaqx quddiem l-ewwel qorti, din il-qorti tosserva li l-attriċi kien forsi jkollha argument validu kontra Catherine Saydon – għal-kemm mhux ukoll kontra l-konvenuti l-oħra – li kieku dan il-fond kien kollu (u mhux biss xi sehem minnu) tal-wirt u li kieku l-konvenuta Catherine

Saydon qiegħda żżommu bis-saħħa ta' pretensjoni li għandha sehem mill-wirt u mhux b'xi titolu ieħor. Fl-istqarrija tat-trasmissjoni *causa mortis* tal-wirt[1], iżda, dan il-fond jissemma biss bħala residenza tal-missier u ma jissemmiex fost l-assi tal-wirt tiegħu. Ma jistax ikun il-każ, mela, li Catherine Saydon qiegħda żżomm dan il-fond għax tippretendi li għandha sehem mill-wirt u qiegħda b'hekk *de facto* tisfida dak li jgħid it-testment.

12. Tassew illi l-attriċi ma dehritx fuq din l-istqarrija għax saret mit-tliet konvenuti li huma werieta (u mhux ukoll mil-legatarja Catherine Saydon), u li għalhekk l-istqarrija lill-attriċi ma torbothiex. Dan iżda ma jeħlishiex mill-ħtieġa tal-prova li l-fond okkupat minn Catherine Saydon huwa kollu kemm hu tal-wirt. Din il-prova setgħet saret b'mod ieħor, iżda ma saritx.

13. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

14. It-tieni aggravju ġie mfisser hekk:

> »Rigward it-tieni aggravju, il-qorti tal-prim'istanza kienet … kompletament skorretta meta attribwixxiet l-għemil tal-appellati bħala tentattiv sabiex jaslu għal soluzzjoni amikevoli bejn l-aħwa kollha. Dan żgur mhuwiex minnu. Jingħad li l-appellati ppruvaw biss jimponu l-opinjoni tagħhom fuq l-appellanti għal snin twal.
>
> »Il-qorti tal-prim'istanza fid-deċiżjoni tagħha tispjega l-motivazzjoni wara s-suppost tentativ sabiex isir arranġament lil hinn mit-testment permezz tar-rikatt tal-appellata Catherine Saydon li tiftaħ proċeduri fil-konfront tagħhom. Għalhekk l-appellati għamlu li għamlu sabiex jevitaw kawżi twal u spejjeż u minflok jibdew igawdu l-wirt lilhom imħolli.
>
> »Madankollu, l-avvenimenti li seħħew juru stampa kompletament differenti minn dik li fuqha strahet il-qorti tal-prim'istanza fid-deċiżjoni tagħha.
>
> »Jingħad qabel xejn li Catherine Saydon ma kellha dritt tistitwixxi l-ebda azzjoni għall-porzjon riservat għaliex, fl-ewwel lok, kif iddikjara Carmelo Saydon fit-testment tiegħu, hija kienet diġà hadet dak li jispetta lilha, fatt li la Catherine Saydon u lanqas il-bqija tal-appellati qatt ma kkontestaw, u li, *stante* li fit-testment tiegħu missierha ma

[1] *Foll.* 112 *et seqq*.

eskludiex il-kollazzjoni, jissupera l-porzjon riservat. *Oltre* minn hekk, hija ġiet imħollija wkoll legat ta' proprjetà, u għalhekk ma kellha l-ebda pretensjonijiet oħra x'tivvanta. Din il-posizzjoni legali setgħet faċilment tiġi verifikata, anke min-nutar stess li ppubblikat it-testment, però l-appellati jidher li la riedu u lanqas ippruvaw jivverifikaw il-vertezza [*sic*] tat-theddida bla bazi ta' Catherine Saydon.

»Minflok, huma daru kontra l-appellanti li kull ma riedet kien li tiġi mħarsa l-volontà ta' missierha. Riżultat tal-aġir zbaljat u ingħaqli tal-appellati, ġew istitwiti bejn il-partijiet mhux anqas minn ħames kawżi quddiem il-qrati ta' Malta, u għalhekk l-għan li għalih skonthom l-appellati għamlu snin jopponu t-testment ta' missierhom xorta waħda ma ntlaħaqx. Wieħed irid jistaqsi r-raġuni għaliex l-appellati intavolaw erba' kawżi sabiex ibigħu proprjetajiet in komproprjetà mal-appellanti, li kieku dawn ma kinux qegħdin joġġezzjonaw għat-testment, meta, li kieku huma qablu mill-ewwel li jipproċedu kif tmiss il-liġi, dawn kienu jiġu evitati. Jingħad ukoll li dawn il-proċeduri ġew istitwiti erba' snin wara l-mewt ta' Carmelo Saydon u mingħajr ebda pre-avviż lill-appellanti. Jiġifieri wara erba' snin ta' tilwim mal-appellanti għaliex ma riditx tiddevja mit-testment ta' missierhom, l-appellati bdew proċeduri sabiex ibigħu l-proprjetajiet li wirtu mingħajr ebda konsultazzjoni mal-appellanti wkoll eredi.

»Għandu jingħad li l-qorti tal-prim'istanza kienet korretta meta saħqet li l-eredi "huma liberi li jużaw jew ma jużawx flushom kif jixtiequ huma". Dan għaliex l-appellati li ġew istitwiti eredi kellhom il-libertà li, wara li jinqasam il-wirt skont id-disposizzjonijiet tat-testment, jagħtu sehem minn tagħhom lil Catherine Saydon. Minflok, huma għażlu li jduru lkoll kontra l-appellanti u jisfurzawha ċċedi parti minn sehmha li hija kellha dritt għaliha kontra l-volontà ta' missierhom, u, meta hija ddeċidiet li żżomm ferm u timxi kif wara kollox ried missierha, l-appellati, li flimkien għandhom maġġoranza fil-proprjetajiiet imħollija lilhom, istitwixxew numru ta' kawżi sabiex ibigħu dawk il-proprjetajiet taħt il-kundizzjonijiet li riedu huma ad esklużjoni tal-appellanti.

»Jiġi kkjarifikat ukoll li l-appellati rrikonoxxew l-aħħar testment ta' missierhom (waqt li xorta waħda baqgħu jimminawh kif ġie spjegat) mhux għaliex intebħu li mhux ser jaslu għal ftehim mal-appellanti, kif osservat il-qorti tal-prim'istanza, però għaliex f'dak l-istadju kien laħaq miet ħu missierhom, iz-ziju Paul Saydon, ġuvni u mingħajr tfal. Paul Saydon kien matul is-snin wara l-mewt ta' ħuh kiteb diversi drabi lill-appellanti (ittri esebiti mal-*affidavit* tal-appellanti) sabiex jipprova jikkonvinċi lill-appellanti ċċedi għal dak li riedu ħutha. Però, fl-istess waqt it-testment tiegħu ta' dak iż-żmien kien ukoll jeskludi lil Catherine Saydon bhala eredi tiegħu.

»Eventwalment Paul Saydon, li wkoll kellu beni sostanzjali, b'mod suspettuż għall-aħħar, bidel it-testment tiegħu flit ġimgħat qabel mewtu sabiex neħħa lill-appellanti minn eredi tiegħu u daħħal minflok lil Catherine Saydon. Għalhekk, Catherine Saydon fl-aħħar kienet ħadet li riedet: sehem mill-wirt konsiderevoli ta' zijuha u fl-istess waqt tgawdija tal-wirt ta' missierha li ma jispettax lilha.

»Għalhekk, jirriżulta ċar li l-argument li l-appellati ppruvaw biss isolvu l-kwistjoni b'mod amikevoli mingħajr dewmin ma jreġġix.«

15. Jekk Catherine Saydon ressqet pretensjoni li bid-disposizzjonijiet tat-testment ġiet imċaħħda mis-sehem riservat li jmiss lilha, il-fatt li l-werrieta jqisu dik il-pretensjoni u jfittxu li jaslu għal xi ftehim dwarha ma jfissirx li qegħdin b'mod illeġittimu jattakkaw it-testment. Wara kollox, jekk hu minnu li Catherine Saydon ġiet imċaħħda mis-sehem riservat huwa obbligu tal-werrieta li dak is-sehem jagħtuhulha, igħid x'igħid it-testment, u ma jistgħux jiġu penalizzati talli fittxew li jħarsu norma legali ġerarkika-ment ogħla mid-disposizzjonijiet testamentarji.

16. Tgħid ħażin l-attriċi illi "Catherine Saydon ma kellha dritt tistitwixxi l-ebda azzjoni għall-porzjon riservat għaliex …, kif iddikjara Carmelo Saydon fit-testment tiegħu, hija kienet diġà ħadet dak li jispetta lilha". Ma jmissx lill-attriċi tgħid jekk Catherine Saydon kellhiex jedd għas-sehem riservat; wara kollox wild dejjem għandu jedd għas-sehem riservat, u dejjem jista' jagħżel li jirrinunzja għal dak imħolli lilu fit-testment u jieħu s-sehem riservat minflok. Dikjarazzjoni tat-testatur li s-sehem riservat hu mħallas ma toħloq ebda presunzjoni *iuris et de iure* illi dak is-sehem tassew tħallas. Lanqas ma huwa l-każ li din il-qorti tara jekk hux minnu li s-sehem riservat tħallas: il-kwistjoni ma hijiex dik; il-kwistjoni hi jekk, meta saret dik il-pretensjoni minn Catherine Saydon, il-werrieta kinux legalment miżmuma, minħabba f'dak li jgħid id-disa' artikolu tat-testment, milli jqisuha, li rajna li ma huwiex il-każ.

17. L-attriċi ssemmi wkoll l-episodju tal-bdil tat-testment ta' Paul Saydon, ħu Carmelo. Dan, fil-fehma tal-qorti, ma għandu ebda relevanza għax dak li għamlu jew ma għamlux terzi persuni ma jweġbux għalih il-partijiet.

18. It-tieni aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

19. L-aħħar aggravju jgħid hekk:

> »Ma jidhirx li l-validità tal-klawsola [numru disgħa tat-testment hija kkontestata. Madankollu, ssir referenza għax-xiehda *viva voce* tan-Nutar Maria Spiteri datata 20 ta' Jannar 2021, in-nutar li ppubblikat l-aħħar testment ta' Carmelo Saydon fl-2012, fejn *inter alia* ikkonfermat il-kontenut ta' korrispondenza skambjata bejnha u l-appellanti. F'din il-korrispondenza n-nutar spjegat lill-appellanti kif id-dikjarazzjoni ta' missierhom taħt klawsola disgħa tat-testment ma hijiex waħda ordinarja però tinkludiha biss meta t-testatur jinsisti fuqha. Tispjega wkoll kif id-dikjarazzjoni ma għandiex tiftehem li tirreferi biss għal benefiċċjarji li jopponu d-disposizzjonijiet tat-testment permezz ta' proċeduri litiġjuzi, però tinkorpora definizzjoni aktar wiesgħa.
>
> »Li ġie kkontestat huwa l-applikabbiltà tal-klawsola, fejn il-qorti tal-prim'istanza spjegat li l-libertà tat-testatur li jiddisponi kif jixtieq hija limitata bil-porzjon riservata li tispetta lill-miżżewġin u wlied it-testatur. Però kif ġie spjegat aktar 'il fuq, il-kwistjoni tal-porzjon riservat kienet minn dejjem immaterjali għaliex lanqas għal din ma kellha jedd l-appellata Catherine Saydon. It-testment ta' missier il-partijiet ġie attakkat mhux bit-theddida ta' Catherine Saydon li tistitwixxi proċeduri għall-porzjon riservat tagħha, però bil-mod espress kif l-appellati warrbu l-aħħar testment ta' missierhom u ppruvaw jisfurzaw lill-appellanti li tagħmel bħalhom u timxi fuq l-*unica charta* tal-1999. Dan ukoll ġie elaborat aktar 'il fuq u qiegħed jiġi riaffermat għaliex huwa punt kruċjali li fuqu straħet il-qorti tal-prim'istanza u li ma jirriflettix ir-realtà ta' dak li skatta bejn il-partijiet.
>
> »Jingħad ukoll li d-dikarazzjoni tat-testatur hija ċarissima – "bi kwalunkwe mod" – u għalhekk din ma tistax tigi limitata għall-estrem ta' proċeduri litiġjużi. Wara kollox, x'inhu l-iskop li din il-klawżola titħalla tiġi insertita fit-testmenti għas-serħan tal-moħħ tat-testatur meta fl-eventwali każ li jqumu ċ-ċirkostanzi rekwiżiti l-applikabbiltà tal-klawżola tiġi miċħuda.
>
> »In sosten ta' dak eċċepit, ġie ritenut diversi drabi, inkluż mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' April 2004 fl-ismijiet <u>Maryrose Mifsud *v.* Av. Joseph Bartolo *noe*</u>, illi
>
> > "… il-volontà tat-testatur hija dik li tirriżulta mill-att innifsu u li meta disposizzjoni testamentarja hija ċara din għandha tingħata effett."
>
> »B'referenza għal sentenza oħra mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju tal-2003 fl-ismijiet <u>Rose Alden *pro et noe v.* Raphael Pace</u> rik. nru 731/1995/2 il-qorti tkompli ssostni:
>
> > »"Dan premess, hi norma prinċipali fit-testmenti illi wieħed għandu jirrikorri għall-interpretazzjoni letterali."
>
> »L-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tkompli tirrileva:
>
> > »"Fil-kawża tal-lum, il-kwistjoni kollha hija: i) x'riedu jolqtu t-testaturi fl-imġieba tal-eredi sabiex tiskatta l-klawsola 10; u ii) x'irriżulta bħala prova vis-à-vis l-artikolu in kwistjoni.

»"Meta tigi inserita ġo testment klawżola ta' din ix-xorta, benefiċjarju jista' jiddekadi mid-drittijiet li jikseb permezz ta' dak it-testment jekk bl-imġieba tiegħu jimmina dak it-testment. Fit-testment tagħhom, huwa evidenti li bl-artikolu 10 dak li Joseph u Angela Debattista riedu jippenalizzaw kien l-aġir ta' xi ħadd mill-eredi fir-rigward tat-testment fil-każi speċifikati fl-istess artikolu. Il-common denominator huwa t-testment."

»Meta wieħed jirrikonċilja dak espressament stipolat mit-testatur, il-provi miġjuba fil-mori tal-kawża, u l-każistika li għaliha saret referenza, joħroġ ċar li l-ħsieb tat-testatur wara d-dikjarazzjoni taħt l-artikolu disgħa huwa preċiżament sabiex ma jiġrix dak li għamlu l-appellati, senjatament li jinjoraw it-tmien artikolu tat-testment u jħallu lil Catherine Saydon tieħu sehem bħal li kieku ġiet istitwita eredi. U hekk għamlu l-appellati, Joan Busuttil, Gerard Saydon, u Joseph Saydon li ġew nominati eredi kif ukoll Catherine Saydon li ġiet nominata legatarja. Huma lkoll irritenew kemm-il darba, bil-miktub kif ukoll bl-aġir tagħhom, li ma jaqblux li Catherine Saydon ma ġietx istitwita eredi ta' missierhom, anke meta missierhom stess taħt l-artikolu tmienja spjega li huwa kien taha sehemha fil-ħajja tiegħu u xorta waħda ħallielha legat.

»Kif intqal ben tajjeb f'każistika preċedenti, hija l-interpretazzjoni letterali li għandha titqies meta wieħed janalizza disposizzjonijiet f'testment, u f'dan il-każ it-testatur kien ferm fi kliemu fejn speċifika li l-eredi u l-legatarji għandhom jiddekadu mill-benefiċċji kollha jekk jattakkaw kwalunkwe parti tat-testment bi kwalunkwe mod.

»Għalhekk, skont din id-dikjarazzjoni, bl-għemil tagħhom l-appellati tilfu d-dritt li jirtu lil missierhom, kemm bħala eredi kif ukoll bħala legatarji, għajr il-porzjon riservat li jista' jagħti l-każ li għadu spettanti lil Joan, Gerard u Joseph, u l-wirt kollu emanenti mis-suċċessjoni ta' Carmelo Saydon għandu jaqa' fuq l-appellanti bħala l-unika eredi li jkun fadal.«

20. Dan l-aggravju huwa effettivament ripetizzjoni ta' dawk ta' qablu. Ġà rajna[2] li qiegħda tgħid ħażin l-appellanti illi "l-kwistjoni tal-porzjon riservat kienet minn dejjem immaterjali għaliex lanqas għal din ma kellha jedd l-appellata Catherine Saydon". Rajna wkoll[3] illi x-xewqa tal-konvenuti li l-wirt jinqasam mod ieħor milli kif ried it-testment ma huwiex ekwivalenti għal frustrazzjoni tat-testment, ladarba fl-aħħar mill-aħħar qagħdu għar-rieda tat-testatur. Ir-referenza mbagħad għall-ġurisprudenza dwar interpretazzjoni ta' disposizzjonijiet testamentarji ma għandhiex relevanza,

---

2 Para. 16 *supra*

3 Para. 9 *et seq.*, *supra*

għax il-kwistjoni ma hijiex dwar interpretazzjoni tat-testment, u lanqas ma aħna qegħdin ngħidu illi l-projbizzjoni ta' attakk kontra t-testment tolqot biss proċeduri ġudizzjarji[4].

21. Dan l-aħħar aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom l-attriċi appellanti.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr

4 Ara para. 9 *supra*.